# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum il-15 ta' Dicembru, 2016.**

**Rikors Numru 385/2015 SM**

**Joseph Bonello**
**(K.I. Numru 865249 M)**

**vs.**

**Raymond Cauchi**
**(K.I. 170258 M) u**
**b'digriet tal-qorti datat il-15 ta' Lulju, 2016**
**giet kjamata in kawza Emanuela Cauchi**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors promotur datat l-24 t'April, 2015, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament espona s-segwenti: (ara foll 1)

1.1. Illi l-intimat gie ikkundannat fuq ammissjoni tieghu stess b'sentenza tal-Qorti tal-Kummerc datata t-12 t'Ottubru, 1992, fl-ismijiet premessi, (ara foll 3), biex ihallas lir-rikorrenti s-somma ta' elfejn tmin mija u hamsa u ghoxrin Lira Maltin, (Lm2,825.00), ekwivalenti ghal sitt elef hames mija u tmenin euro u tmienja u erbghin centezmu, (€6,580.48);

1.2. Illi l-istess sentenza ghaddiet in gudikat;

1.3. Illi mis-somma kanonizzata fl-imsemmija sentenza l-intimat hallas biss Lm400.00, ekwivalenti ghal €931.75;

1.4. Illi ghalhekk l-intimat ghad ghandu jhallas lir-rikorrenti l-ammont ta' hamest elef sitt mija u tmienja u erbghin euro u tlieta u sebghin centezmu, (€5,648.73);

1.5. Illi l-imghax li ddekorra mid-data tas-sentenza *de quo*,(ara paragrafu numru wiehed punt wiehed, (1.1.), aktar qabel), jammonta ghal ghaxart elef, mija u erba' u sittin euro u tnejn u sittin centezmu, (€10,164.62);

1.6. Illi skont it-taxxa ufficcjali rilaxxata l-ispejjez tal-istess huma ammontanti ghal mija tmienja u disghin euro u hamsa u hamsin centezmu, (€198.55), (ara foll 6);

1.7. Illi ghalhekk l-ammont komplessiv hekk dovut mill-intimat lir-rikorrenti jammonta ghal sittax- il elf u hdax- il euro u disghin centezmu, (€16,011.90);

1.8. Illi tali talba tista' ssir *ai termini* tal-artiklu 258(a) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta wara l-gheluq tal-perjodu hemm indikat;

1.9. Illi ghalhekk ir-rikorrenti jikkonferma s-suespost bil-gurament tieghu *ai termini* tal-istess artiklu precitat fil-paragrafu precedenti;

1.10. Illi ghalhekk aderixxa din il-qorti u jitlob li din il-qorti:

1.10.1. Tawtorizza l-esekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv lilhu moghti permezz tas-sentenza fuq riferita datata t-

12 t'Ottubru, 1992, u dan, taht dawk il-provedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni;

1.10.2. Bl-ispejjez;

2. Rat id-digriet taghha datat l-4 ta' Mejju, 2015, li permezz tieghu appuntat ir-rikors promotur ghas-smigh ghall-udjenza hemm indikata, (ara foll 7);

3. Rat id-digriet taghha datat il-15 ta' Lulju, 2016, li permezz tieghu, wara talba appozita tar-rikorrenti ordnat il-kjamata in kawza hemm indikata, (ara foll 53 u 55);

4.0. Rat in-nota guramentata tal-kjamata in kawza datata t-3 t'Awwissu, 2016, li permezz taghha sintetikament esponiet is-segwenti: (ara fol 59)

4.1. Illi qed tirritorna l-inkartament lilha notifikat;

4.2. Illi l-intimat ilu mahrub minn Malta sittax- (16) il sena;

4.3. Illi ma tafx fejn hu;

4.4. Illi in effetti kien abbanduha b'erbat (4) itfal;

4.5. Illi ma tafx fejn jinsab;

5. Ezaminat id-dokumenti esebiti;

6. Semghet lill-abbli rapprezentanti legali tar-rikorrenti fir-rigward;

Ikkunsidrat:

7.0. Illi din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti ipprova l-kaz tieghu skont il-ligi, u konsegwentement:

**DECIDE:**

7.1. Takkolji t-talbiet tar-rikorrenti;

7.2. Tawtorizza l-esekuzzjoni tas-sentenza in meritu fl-ismijiet Joseph Bonello vs. Raymond Cauchi, Qorti tal-Kummerc, Citazzjoni Numru, 630/91, datata t-12 t'Ottubru, 1991;

7.3. Bl-ispejjez kontra l-intimati.

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**